IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2026
COM(2026) 581 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu mill-istituzzjonijiet fl-2023 u fl-2024 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol ta' standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1873/2006 (dwar xogħol bix-xift)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu mill-istituzzjonijiet fl-2023 u fl-2024 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol ta' standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1873/2006 (dwar xogħol bix-xift)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar ix-xogħol ta' standby (Nru 495/77) u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli (Nru 858/2004) jirrikjedu li l-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali lill-Kunsill li jistabbilixxi l-għadd ta' uffiċjali u ta' aġenti oħrajn f'kull kategorija li jirċievu allowances skont ir-Regolamenti rispettivi, flimkien man-nefqa totali relatata magħhom.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-aktar ċifri reċenti ta' sena sħiħa disponibbli fiż-żmien meta tħejja u jkopri l-2023 u l-2024. Dan jinkludi l-istituzzjonijiet kollha[1]. Għall-kompletezza, dan jipprovdi wkoll informazzjoni ekwivalenti dwar l-użu ta' xogħol bix-xift (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76).

2. ALLOWANCE GĦAX-XOGĦOL TA' STANDBY

Il-bażijiet legali għal din l-allowance huma l-Artikoli 55 u 56b tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77 tat-8 ta' Marzu 1977, kif emendat.

Il-ħlas tal-allowance huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħrajn li huma:

- imħallsa mill-approprjazzjonijiet tar-riċerka u li jaħdmu fi:
  - stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC); jew
  - azzjoni indiretta; jew
- imħallsa mill-approprjazzjonijiet amministrattivi u li jaħdmu fi:
  - it-tmexxija jew is-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi;
  - dipartiment tas-sikurezza u s-sigurtà;
  - dipartiment tas-servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT);
  - dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għal arranġamenti għall-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi; jew
  - f'mekkaniżmu mwaqqaf biex jipprovdi assistenza lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum u 7 ijiem fil-ġimgħa ("SM 24/7") għal arranġamenti għall-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi jew għal servizzi li fihom teżisti n-neċessità li jwettqu kompiti sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu li jipprovdi assistenza lill-Istati Membri.

[1] Fis-sens tar-Regolamenti tal-Persunal.

L-allowance għax-xogħol ta' standby hija espressa f'punti. L-għadd ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol ta' standby effettivament imwettqa huwa stabbilit kif ġej:

– xogħol ta' standby mid-dar f'jum tax-xogħol: 2,15 punti;
– xogħol ta' standby mid-dar fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: 4,3 punti;
– xogħol ta' standby mill-post tax-xogħol f'jum tax-xogħol: 11-il punt;
– xogħol ta' standby mill-post tax-xogħol fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: 22 punt.

Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (ekwivalenti għal EUR 1,08 fl-2023 u EUR 1,15 fl-2024).

Għall-2023

It-tabelli li ġejjin juru l-għadd ta' benefiċjarji tal-allowance għax-xogħol ta' standby f'kull istituzzjoni fl-2023.

2.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u bil-kuntratt) fl-2023

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	34	114	3	0	2	0	**153**
Il-Kummissjoni	141	275	39	27	35	10	**527**
- li minnhom tal-JRC:	*48*	*78*	*18*	*3*	*4*	*5*	***156***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	13	13	2	0	0	0	**28**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	5	16	0	0	0	**21**
IL-KESE	0	3	0	0	0	0	**3**
IL-KtR	0	3	0	0	1	0	**4**
IS-SEAE	14	15	0	0	0	0	**29**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**202**	**428**	**60**	**27**	**38**	**10**	**765**

2.2. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' xogħol ta' standby fl-2023

Istituzzjoni	Mid-dar	Mid-dar u mill-post tax-xogħol	Mill-post tax-xogħol	Total
Il-Parlament	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	153	0	0	**153**
Il-Kummissjoni	499	18	10	**527**
- li minnhom tal-JRC:	*143*	*5*	*8*	***156***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	28	0	0	**28**
Il-Qorti tal-Awdituri	21	0	0	**21**
Il-KESE	0	3	0	**3**
Il-KtR	0	4	0	**4**
IS-SEAE	29	0	0	**29**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	**0**
Total	**730**	**25**	**10**	**765**

2.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg fl-2023

Istituzzjoni	JRC	Azzjoni indiretta	Installazzjo nijiet tekniċi	Sikurezza/Sigurtà	ICT	PESK / PSDK	SM 24/7	Total
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	0	0	18	33	65	37	0	**153**
Il-Kummissjoni	156	2	58	136	118	0	57	**527**
- li minnhom tal-JRC:	*156*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***156***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	17	11	0	0	0	**28**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	21	0	0	0	**21**
Il-KESE	0	0	0	3	0	0	0	**3**
Il-KtR	0	0	0	4	0	0	0	**4**
IS-SEAE	0	0	0	4	15	10	0	**29**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**156**	**2**	**93**	**212**	**198**	**47**	**57**	**765**

Għall-2024

It-tabelli li ġejjin juru l-għadd ta' benefiċjarji tal-allowance għax-xogħol ta' standby f'kull istituzzjoni fl-2024.

2.4. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u bil-kuntratt) fl-2024

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	35	127	3	0	2	0	**167**
Il-Kummissjoni	153	291	38	28	37	15	**562**
- li minnhom tal-JRC:	*49*	*82*	*17*	*3*	*3*	*5*	***159***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	14	13	2	0	0	0	**29**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	4	17	0	0	0	**21**
Il-KESE	0	3	0	0	0	0	**3**
Il-KtR	0	3	0	0	1	0	**4**
IS-SEAE	25	15	0	0	0	0	**40**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**227**	**456**	**60**	**28**	**40**	**15**	**826**

2.5. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' xogħol ta' standby fl-2024

Istituzzjoni	Mid-dar	Mid-dar u mill-post tax-xogħol	Mill-post tax-xogħol	Total
Il-Parlament	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	167	0	0	**167**
Il-Kummissjoni	533	20	9	**562**
- li minnhom tal-JRC:	*146*	*6*	*7*	***159***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	29	0	0	**29**
Il-Qorti tal-Awdituri	21	0	0	**21**
Il-KESE	0	3	0	**3**
Il-KtR	0	4	0	**4**
IS-SEAE	40	0	0	**40**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	**0**
Total	**790**	**27**	**9**	**826**

2.6. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg fl-2024

Istituzzjoni	JRC	Azzjoni indiretta	Installazzjo nijiet tekniċi	Sikurezz a/Sigurtà	ICT	PESK / PSDK	SM 24/7	Total
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	0	0	18	33	77	39	0	**167**
Il-Kummissjoni	159	3	55	150	135	0	60	**562**
- li minnhom tal-JRC:	*159*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***159***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	19	10	0	0	0	**29**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	21	0	0	0	**21**
Il-KESE	0	0	0	3	0	0	0	**3**
Il-KtR	0	0	0	4	0	0	0	**4**
IS-SEAE	0	0	0	4	14	22	0	**40**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**159**	**3**	**92**	**225**	**226**	**61**	**60**	**826**

3. ALLOWANCE GĦAL KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL PARTIKOLARMENT DIFFIĊLI

Il-bażijiet legali għal din l-allowance huma l-Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004 tad-29 ta' April 2004. L-allowance tingħata biex tikkumpensa għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli relatati ma':

(i) is-"sikurezza tal-individwu" (jiġifieri l-ilbies ta' ħwejjeġ speċjali partikolarment skomdi jew ta' protezzjoni parzjali);

(ii) il-"post tax-xogħol" (jiġifieri postijiet magħluqa, storbjużi jew perikoluż); u

(iii) n-"natura tax-xogħol" (eż. l-immaniġġar ta' ċerti sustanzi jew ix-xogħol bl-isplussivi)[2].

L-allowance hija espressa f'termini ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol effettivament imwettqa. In-numru jvarja minn żewġ punti, eż. għal-livell medju ta' ħoss li jeċċedi 85 deċibel, sa massimu ta' 50 punt għal uffiċjal li jilbes ilbies protettiv għal kontra n-nirien b'apparat awtorespiratorju. Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (ekwivalenti għal EUR 1,08 fl-2023 u EUR 1,15 fl-2024).

[2] L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004.

Għall-2023

It-tabella li ġejja turi l-għadd ta' benefiċjarji tal-allowance għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli f'kull istituzzjoni fl-2023.

3.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u bil-kuntratt) fl-2023

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kummissjoni	24	102	26	2	7	15	**176**
- li minnhom tal-JRC:	*23*	*101*	*11*	*1*	*7*	*15*	***158***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-KESE	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-KtR	0	0	0	0	0	0	**0**
IS-SEAE	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**24**	**102**	**26**	**2**	**7**	**15**	**176**

Għall-2024

It-tabella li ġejja turi l-għadd ta' benefiċjarji tal-allowance għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli f'kull istituzzjoni fl-2024.

3.2. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u bil-kuntratt) fl-2024

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kunsill	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kummissjoni	24	102	27	2	8	13	**176**
- li minnhom tal-JRC:	*24*	*100*	*11*	*1*	*7*	*13*	***156***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-KESE	0	0	0	0	0	0	**0**

Il-KtR	0	0	0	0	0	0	**0**
IS-SEAE	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**24**	**102**	**27**	**2**	**8**	**13**	**176**

4. ALLOWANCE GĦAL XOGĦOL BIX-XIFT

Il-bażijiet legali għal dan din l-allowance huma l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976, kif emendat.

Il-ħlas tal-allowance huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħrajn li huma:

- imħallsa mill-approprjazzjonijiet tar-riċerka u li jaħdmu fi:
  - stabbiliment tal-JRC; jew
  - azzjoni indiretta; jew
- imħallsa mill-approprjazzjonijiet amministrattivi u li jaħdmu fi:
  - dipartiment tas-servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT);
  - dipartiment tas-sikurezza u s-sigurtà;
  - servizz ta' swiċċbord tat-telefowns/informazzjoni jew servizz ta' akkoljenza;
  - dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għal arranġamenti għall-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi;
  - servizz li jipprovdi appoġġ għal arranġamenti għall-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi; jew
  - fit-tmexxija jew is-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi.

Għall-2023

It-tabelli li ġejjin juru l-għadd ta' benefiċjarji tal-allowance għal xogħol bix-xift f'kull istituzzjoni fl-2023.

4.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u bil-kuntratt) fl-2023

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	2	89	597	12	23	0	**723**
Il-Kunsill	0	73	0	0	0	0	**73**
Il-Kummissjoni	1	113	12	15	30	0	**171**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*15*	*9*	*0*	*1*	*0*	***25***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	1	18	0	0	0	**19**
Il-KESE	0	3	0	0	0	0	**3**

Il-KtR	0	3	0	0	1	0	**4**
IS-SEAE	0	35	0	0	0	0	**35**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**3**	**317**	**627**	**27**	**54**	**0**	**1 028**

Hemm erba' rati differenti previsti għall-allowance ta' kull xahar għal xogħol imwettaq fi (ċifri tal-2023):

– rata 1: servizz li jopera fuq bażi ta' żewġ xiftijiet, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: EUR 483,92;
– rata 2: servizz li jopera fuq bażi ta' żewġ xiftijiet, inkluż xift ta' lejl wieħed, u fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: EUR 730,40;
– rata 3: servizz li jopera 24 siegħa kuljum, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: EUR 798,61;
– rata 4: servizz li jopera 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa: EUR 1 088,75.

4.2. Għadd ta' benefiċjarji skont ir-rata fl-2023

Istituzzjoni	**Rata 1**	**Rata 2**	**Rata 3**	**Rata 4**	**Total**
	EUR 483,92	EUR 730,40	EUR 798,61	EUR 1 088,75	
Il-Parlament	65	394	0	264	**723**
Il-Kunsill	31	0	0	42	**73**
Il-Kummissjoni	20	0	8	143	**171**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*0*	*8*	*17*	***25***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	19	**19**
Il-KESE	3	0	0	0	**3**
Il-KtR	4	0	0	0	**4**
IS-SEAE	25	0	0	10	**35**
L-Ombudsman	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	**0**
Total	**148**	**394**	**8**	**478**	**1 028**

4.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg fl-2023

Istituzzjoni	**JRC**	**Il-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi**	**ICT**	**Sikurezza/Sigurtà**	**Switch board/ Akkoljenza**	**PESK/ PSDK**	**Installazzjonijiet tekniċi**	**Azzjoni indiretta**	**Total**
Il-Parlament	0	0	0	653	30	0	40	0	**723**
Il-Kunsill	0	0	0	73	0	0	0	0	**73**
Il-Kummissjoni	25	26	15	105	0	0	0	0	**171**
- li minnhom	*25*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***25***

tal-JRC:									
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	19	0	0	0	0	**19**
Il-KESE	0	0	0	3	0	0	0	0	**3**
Il-KtR	0	0	0	4	0	0	0	0	**4**
IS-SEAE	0	0	14	11	0	10	0	0	**35**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**25**	**26**	**29**	**868**	**30**	**10**	**40**	**0**	**1 028**

Għall-2024

It-tabelli li ġejjin juru l-għadd ta' benefiċjarji tal-allowance għal xogħol bix-xift f'kull istituzzjoni fl-2024.

4.4. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u bil-kuntratt) fl-2024

Istituzzjoni	AD	AST	AC				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Parlament	3	85	656	10	23	0	**777**
Il-Kunsill	0	68	0	0	0	0	**68**
Il-Kummissjoni	1	112	12	14	30	0	**169**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*14*	*9*	*0*	*1*	*0*	***24***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	3	17	0	0	0	**20**
Il-KESE	0	3	0	0	0	0	**3**
Il-KtR	0	3	0	0	1	0	**4**
IS-SEAE	0	39	0	0	0	0	**39**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**4**	**313**	**685**	**24**	**54**	**0**	**1 080**

Hemm erba' rati differenti previsti għall-allowance ta' kull xahar għal xogħol imwettaq fi (ċifri tal-2024):

– rata 1: servizz li jopera fuq bażi ta' żewġ xiftijiet, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: EUR 518,88;
– rata 2: servizz li jopera fuq bażi ta' żewġ xiftijiet, inkluż xift ta' lejl wieħed, u fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: EUR 783,15;
– rata 3: servizz li jopera 24 siegħa kuljum, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: EUR 856,30;
– rata 4: servizz li jopera 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa: EUR 1 167,39.

4.5. Għadd ta' benefiċjarji skont ir-rata fl-2024

Istituzzjoni	Rata 1	Rata 2	Rata 3	Rata 4	Total
	EUR 518,88	EUR 783,15	EUR 856,30	EUR 1 167,39	
Il-Parlament	66	417	0	294	**777**
Il-Kunsill	26	0	0	42	**68**
Il-Kummissjoni	21	0	8	140	**169**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*0*	*8*	*16*	***24***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	20	**20**
Il-KESE	3	0	0	0	**3**
Il-KtR	4	0	0	0	**4**
IS-SEAE	28	0	0	11	**39**
L-Ombudsman	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	**0**
Total	**148**	**417**	**8**	**507**	**1 080**

4.6. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg fl-2024

Istituzzjoni	JRC	Il-koordinazzjoni f'emerġenza u kriżi	ICT	Sikurezza/Sigurtà	Switch board/ Akkoljenza	PESK/ PSDK	Installazzjonijiet tekniċi	Azzjoni indiretta	Total
Il-Parlament	0	0	0	713	30	0	34	0	**777**
Il-Kunsill	0	0	0	68	0	0	0	0	**68**
Il-Kummissjoni	24	25	15	105	0	0	0	0	**169**
- li minnhom tal-JRC:	*24*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***24***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	20	0	0	0	0	**20**
Il-KESE	0	0	0	3	0	0	0	0	**3**
Il-KtR	0	0	0	4	0	0	0	0	**4**
IS-SEAE	0	0	15	13	0	11	0	0	**39**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Total	**24**	**25**	**30**	**926**	**30**	**11**	**34**	**0**	**1 080**

5. IS-SERVIZZI KKONĊERNATI U R-RAĠUNIJIET

Kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, iż-żewġ Kumitati u s-SEAE użaw arranġamenti ta' xogħol ta' standby u/jew ta' xogħol bix-xift u ħallsu l-allowances previsti fil-leġiżlazzjoni.

Il-Kummissjoni għadha l-unika istituzzjoni li ħallset allowances għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli. Dawn l-allowances tħallsu lill-benefiċjarji li jaħdmu fil-JRC, fl-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (OIB) u fid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DĠ ENER).

5.1. Raġunijiet għax-xogħol ta' standby

Il-Kunsill: Il-Kunsill ħallas allowances għal xogħol ta' standby lil 153 membru tal-persunal fl-**2023** (meta mqabbel ma' 149 fl-2022). Għalhekk, l-għadd ta' benefiċjarji baqa' relattivament stabbli meta mqabbel mal-2022. Fl-**2024**, 167 membru tal-persunal tħallsu allowances għal xogħol ta' standby. Iż-żieda bejn l-2023 u l-2024 kienet dovuta għall-formalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' appoġġ tal-ICT u ta' indirizzar ta' inċidenti barra mill-ħinijiet tax-xogħol, u r-regolarizzazzjoni ta' sitwazzjoni eżistenti fi ħdan servizz tal-PESK/PSDK li ma kienx ġie rikonoxxut formalment.

Is-servizzi ta' standby ġew stabbiliti biex ikopru l-oqsma li ġejjin:

(i) ICT: biex jiggarantixxu l-protezzjoni u t-tħaddim xieraq tan-networks tal-IT u tal-komunikazzjonijiet; biex jappoġġaw kwalunkwe attività mhux prevista tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill u tal-korpi preparatorji tagħhom; u biex jissodisfaw kwalunkwe ħtieġa urġenti tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill u tas-Segretarjat Ġenerali meta jittrattaw informazzjoni klassifikata tal-UE;

(ii) sikurezza u sigurtà: biex jirrispondu b'mod immedjat għal kwalunkwe inċident li jista' jaffettwa lill-persunal tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill, jew il-ħidma tas-Segretarjat Ġenerali, u biex jipprovdu appoġġ 24 siegħa kuljum lill-uffiċjali tas-sigurtà fuq missjonijiet;

(iii) PESK/PSDK: biex jippermettu azzjoni rapida biex jiġu abbozzati u ppubblikati fuq l-internet u ċċirkolati dikjarazzjonijiet immedjati u urġenti mill-Istat Membru tal-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill u mill-President tal-Kunsill Ewropew, u biex jipprovdu appoġġ (loġistiku) lill-President tal-Kunsill Ewropew u lis-Segretarju Ġenerali f'attivitajiet ta' politika esterna;

(iv) installazzjonijiet tekniċi: biex jiżguraw li l-okkupanti tal-binja jkunu jistgħu jaħdmu f'ambjent sikur, pjaċevoli u komdu u li l-kmamar u t-tagħmir tekniku neċessarju jinżammu kif xieraq.

Kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024, ix-xogħol ta' standby kien jitwettaq esklussivament mid-dar.

Il-Kummissjoni: Fl-**2023**, il-Kummissjoni ħallset allowances għal xogħol ta' standby lil 527 membru tal-persunal, ċifra li ġeneralment ma nbidlitx meta mqabbla ma' 528 fl-2022.

Madwar 30 % tal-benefiċjarji (156) ħadmu f'wieħed mis-siti tal-JRC tal-Kummissjoni. Il-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' standby fil-JRC kien jitwettaq mid-dar, ħlief fil-JRC fl-Ispra, fejn kien isir jew mill-post tax-xogħol jew mid-dar minħabba n-natura speċifika tal-kompiti. Fejn ix-xogħol ta' standby twettaq kemm mill-post tax-xogħol kif ukoll mid-dar fl-2023, madwar 21 % tas-sigħat totali twettqu mill-post tax-xogħol. Id-DĠ ENER kien id-Direttorat Ġenerali l-ieħor fejn ix-xogħol ta' standby kien jitwettaq kemm mill-post tax-xogħol kif ukoll mid-dar. Mix-xogħol ta' standby imwettaq mit-13-il benefiċjarju taħt arranġamenti mħallta fid-DĠ ENER, madwar 10 % minnu twettaq mill-post tax-xogħol. Id-DĠ OLAF kien l-uniku Direttorat Ġenerali li fih iż-żewġ benefiċjarju tiegħu wettqu xogħol ta' standby mill-post tax-xogħol biss. Is-servizzi ta' xogħol ta' standby l-oħrajn kollha fil-Kummissjoni twettqu mid-dar.

Fid-DĠ HR ġie introdott servizz ġdid ta' xogħol ta' standby biex jipprovdi u jżomm sistema ta' kontroll tal-aċċess li tiffunzjona fil-bini tal-Kummissjoni, li kienet ir-raġuni ewlenija għaż-żieda żgħira ta' erbgħa fl-għadd ta' benefiċjarji.

Għad-Direttorati Ġenerali l-oħrajn kollha b'servizzi ta' xogħol ta' standby, ftit li xejn kien hemm bidla meta mqabbla mal-2022.

Fl-**2024**, il-Kummissjoni ħallset allowances għal xogħol ta' standby lil 562 membru tal-persunal. Din iż-żieda meta mqabbla mal-2023 kienet prinċipalment dovuta għal żieda fl-għadd ta' benefiċjarji fi:

- id-DĠ HR, fil-qasam tas-sikurezza u tas-sigurtà (+13), prinċipalment minħabba l-ħolqien ta' servizz ġdid biex jipprovdi appoġġ amministrattiv għall-uffiċjali tal-protezzjoni mill-qrib.

- id-DĠ DIGIT, fil-qasam tal-ICT (+11), fejn reġa' nfetaħ servizz ta' xogħol ta' standby li kien twaqqaf u ġew assenjati benefiċjarji addizzjonali għal servizzi eżistenti biex jitnaqqas kemm spiss kull benefiċjarju kien meħtieġ li jkun fuq xogħol.

- id-DĠ TAXUD, fil-qasam tal-ICT (+7), fejn benefiċjarji addizzjonali ġew assenjati biex inaqqsu kemm spiss kull benefiċjarju kien meħtieġ li jkun fuq xogħol.

Madwar 28 % tal-benefiċjarji (159) ħadmu f'wieħed mis-siti tal-JRC tal-Kummissjoni. Bħal fl-2023, il-parti l-kbira tax-xogħol ta' standby fil-JRC kien jitwettaq mid-dar, ħlief fil-JRC fl-Ispra, fejn kien isir kemm mill-post tax-xogħol kif ukoll mid-dar minħabba n-natura speċifika tal-kompiti. Fejn ix-xogħol ta' standby twettaq kemm mill-post tax-xogħol kif ukoll mid-dar fl-2024, madwar 21 % tas-sigħat totali ta' xogħol ta' standby twettqu mill-post tax-xogħol. Id-

DĠ ENER kien id-Direttorat Ġenerali l-ieħor fejn ix-xogħol ta' standby kien jitwettaq kemm mill-post tax-xogħol kif ukoll mid-dar. Mix-xogħol ta' standby imwettaq mill-14-il benefiċjarju taħt arranġamenti mħallta fid-DĠ ENER, madwar 10 % minnu twettaq mill-post tax-xogħol. Id-DĠ OLAF kien l-uniku Direttorat Ġenerali li fih iż-żewġ benefiċjarju tiegħu wettqu xogħol ta' standby mill-post tax-xogħol biss. Is-servizzi ta' xogħol ta' standby l-oħrajn kollha fil-Kummissjoni twettqu mid-dar.

Għad-Direttorati Ġenerali l-oħrajn kollha b'servizzi ta' xogħol ta' standby, ftit li xejn kien hemm bidla meta mqabbel mal-2023.

Il-Qorti tal-Ġustizzja: Fl-**2023**, il-Qorti tal-Ġustizzja ħallset allowances għal xogħol ta' standby imwettaq mid-dar lil 28 membru tal-persunal (meta mqabbel ma' 35 fl-2022). L-għadd ta' benefiċjarji naqas meta mqabbel mal-2022, peress li x-xogħol ta' standby tal-ICT introdott fl-2022 kien meħtieġ biss fil-bidu tal-2022. Is-servizzi ta' xogħol ta' standby li jifdal kienu relatati mal-installazzjonijiet tekniċi u mas-sikurezza u mas-sigurtà, u l-benefiċjarji kienu persunal responsabbli għall-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-Qorti u għall-ġestjoni tal-binjiet u tas-sigurtà.

Fl-**2024**, il-Qorti tal-Ġustizzja ħallset allowances għal xogħol ta' standby għal xogħol ta' standby imwettaq mid-dar lil 29 membru tal-persunal. Għalhekk, l-għadd ta' benefiċjarji baqa' relattivament stabbli meta mqabbel mal-2023.

Il-Qorti tal-Awdituri: Fl-**2023** u fl-**2024**, is-servizz tas-Sigurtà u s-Sikurezza inkluda x-xogħol ta' standby li għandu jitwettaq mid-dar minn 21 membru tal-persunal (meta mqabbel ma' 20 fl-2022). Dawn il-membri tal-persunal żguraw is-sikurezza tal-binjiet u tal-okkupanti tiegħu 24 siegħa kuljum tul is-sentejn li huma.

Il-KESE u l-KtR: Il-KESE u l-KtR joperaw servizz ta' standby konġunt fi ħdan is-servizz tas-sigurtà biex jiżguraw li l-persunal tas-sigurtà jkun aċċessibbli u lest li jirrispondi f'kull ħin fil-każ ta' inċidenti li jirrikjedu azzjoni meta l-Kumitati jkunu magħluqa. Fl-**2023** u fl-**2024**, tliet membri tal-persunal tal-KESE wettqu xogħol ta' standby (l-istess numru bħal fl-2022), b'alternanza ta' xogħol mill-post tax-xogħol u mid-dar. Erba' membri tal-persunal tal-KtR (l-istess numru bħal fl-2022) wettqu xogħol ta' standby mid-dar u mill-post tax-xogħol, bi 2 % biss ta' dan ix-xogħol jitwettaq mill-post tax-xogħol u l-bqija mid-dar.

IS-SEAE: Fl-**2023**, is-SEAE ħallas allowances għal xogħol ta' standby lil 29 membru tal-persunal (meta mqabbel ma' 20 fl-2022). Fl-**2024**, iċ-ċifra żdiedet għal 40. Iż-żidiet minn sena għal sena rreġistrati fl-2023 u fl-2024 kienu prinċipalment dovuti għal servizz ta' xogħol ta' standby addizzjonali għall-ICT introdott fl-2023 u l-ħtieġa li jitnaqqas kemm spiss kull benefiċjarju kien meħtieġ li jkun fuq xogħol fil-qasam tal-PESK/PSDK.

Is-servizzi ta' standby tas-SEAE jkopru tliet oqsma ta' ħidma:

(i) is-servizzi tas-sigurtà, biex jipprovdu protezzjoni ta' 24 siegħa kuljum lill-persunal, lill-viżitaturi, lill-bini u lill-proprjetà tas-SEAE fi Brussell u biex jipproteġu l-informazzjoni klassifikata fil-kwartieri ġenerali;

(ii) l-appoġġ għall-PESK/PSDK, li jinkludi avvenimenti ta' monitoraġġ madwar id-dinja 24 siegħa kuljum; ir-rispons għal kriżijiet, għal inċidenti, għal avvenimenti kritiċi, għal sitwazzjonijiet jew għal emerġenzi speċifiċi; l-għoti ta' appoġġ lir-Rappreżentant Għoli u lil atturi oħrajn tal-UE; l-iffaċilitar ta' laqgħat ta' kriżi tas-SEAE li jsiru barra mill-ħinijiet tax-xogħol normali; u l-għoti ta' appoġġ lir-Riżorsi Umani u lis-Segretarju Ġenerali fil-kompiti operazzjonali tagħhom li għandhom l-għan li jipproteġu s-sigurtà u l-interessi essenzjali tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fil-każ ta' theddida għas-sistema Galileo jew theddida li tirriżulta minnha;

(iii) is-servizz tal-ICT ipprovdut permezz ta' COMCEN (iċ-Ċentru tal-Komunikazzjoni), li jittrażmetti informazzjoni klassifikata lill-membri kollha tal-persunal tas-SEAE u li jipprovdi servizzi lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fil-ġestjoni operazzjonali taċ-ċentru tas-sistema Ċentrali Cortesy u tal-Punt ta' Preżenza Cortesy, kif ukoll permezz tar-reġistru ċentrali tal-EUCI, li jirreġistra dokumenti kklassifikati bħala C-UE/EU-C u S-UE/EU-s.

5.2. Raġunijiet għall-użu ta' allowances għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli

***Il-Kummissjoni**:* Bħal fl-2022, il-Kummissjoni kienet l-unika istituzzjoni li użat din l-allowance fl-2023 u fl-2024. Tħallsu allowances lill-persunal li jaħdem fis-settur tad-Disinn Viżiv u tal-Istampar tal-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (OIB), lill-persunal tad-DĠ ENER li jwettaq spezzjonijiet ta' installazzjonijiet f'siti nukleari, u lill-persunal tal-JRC.

Total ta' 176 benefiċjarju rċevew l-allowance fl-**2023** kif ukoll fl-**2024** (meta mqabbel ma' 164 fl-2022). Iż-żieda fl-2023 meta mqabbla mal-2022 kienet prinċipalment dovuta għal seba' benefiċjarji addizzjonali fl-OIB. Fl-OIB, ix-xogħol fuq id-disinn viżiv u fuq l-istampar espanda wara l-kriżi tas-saħħa tal-COVID-19, b'volum ogħla ta' stampar f'format kbir u użu akbar ta' tagħmir tal-istampar. Dan irriżulta f'aktar persunal li jaħdem f'ambjent b'livelli għoljin ta' storbju. Barra minn hekk, inħoloq tim ġdid responsabbli għall-installazzjoni ta' materjali viżivi, li ta' kuljum juża prodotti kimiċi biex inaddaf l-uċuħ li magħhom jitwaħħlu materjali jew elementi viżivi.

Fl-**2023**, l-għadd totali ta' sigħat li nħadmu f'dawn il-kundizzjonijiet partikolarment diffiċli tqassmu kif ġej:

- 39 781,00 siegħa (32 752,00 fl-2022) relatati mas-sikurezza tal-individwu;
- 107 785,18 siegħa (61 073,75 fl-2022) relatati mal-post tax-xogħol;
- 7 405,17 sigħat (5 522,13 fl-2022) relatati man-natura tax-xogħol;
- 0 sigħat (l-istess fl-2022) relatati kemm mas-sikurezza tal-individwu kif ukoll mal-post tax-xogħol.

Fl-2023, l-għadd ta' sigħat żdied meta mqabbel mal-2022, prinċipalment minħabba li l-attivitajiet tal-laboratorju tal-JRC reġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija u l-għadd ta' benefiċjarji fl-OIB żdied. Barra minn hekk, xi benefiċjarji tal-JRC jirċievu allokazzjoni b'rata fissa ta' sigħat u, konsegwentement, allowance b'rata fissa korrispondenti. L-akkuratezza tas-sigħat b'rata fissa ġiet immonitorjata minn nofs l-2022 sa tmiem dik is-sena. Aġġustament

retroattiv għar-rata fissa, b'effett mill-2022, kellu jiġi rreġistrat u inkluż fl-2023 biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji rilevanti jirċievu l-pagament korrispondenti.

Fl-**2024**, l-għadd totali ta' sigħat li nħadmu f'dawn il-kundizzjonijiet partikolarment diffiċli tqassmu kif ġej:

- 33 270,00 siegħa relatati mas-sikurezza tal-individwu;
- 94 721,46 siegħa relatati mal-post tax-xogħol;
- 10 468,60 siegħa relatati man-natura tax-xogħol;
- 0 sigħat relatati kemm mas-sikurezza tal-individwu kif ukoll mal-post tax-xogħol.

It-tnaqqis fl-għadd ta' sigħat meta mqabbel mal-2023 kien prinċipalment dovut għall-monitoraġġ ta' sigħat b'rata fissa mwettaq fil-JRC fl-2022, li rriżulta f'żieda retroattiva fis-sigħat b'rata fissa għal diversi benefiċjarji. Filwaqt li l-parti l-kbira tal-aġġustamenti ġew inklużi u mħallsa fl-2023, ftit aġġustamenti li kien fadal ġew irreġistrati u mħallsa fl-2024.

5.3. Raġunijiet għax-xogħol bix-xift

Il-Parlament Ewropew: Fl-2023 u fl-2024, il-Parlament Ewropew ħallas allowances għal xogħol bix-xift biex ikopri:

(i) is-servizzi tas-sikurezza u tas-sigurtà fit-tliet postijiet tax-xogħol tiegħu: Brussell, Strasburgu u l-Lussemburgu;

(ii) is-servizzi ta' akkoljenza, sigurtà u kontroll ta' aċċess (il-Parlamentarium, id-Dar tal-Istorja Ewropea u d-Dar Jean Monnet, iċ-Ċentru Sportiv) u s-servizzi ta' komunikazzjoni pprovduti permezz tas-swiċċbord, li joffri varjetà ta' servizzi b'diversi lingwi, inkluż it-trasferiment ta' telefonati deħlin u ħerġin, l-għoti ta' dettalji ta' kuntatt (numri tat-telefown u tal-fax, indirizzi elettroniċi u tal-uffiċċju), u l-għoti ta' informazzjoni dwar il-laqgħat u l-binjiet tal-Parlament Ewropew;

(iii) is-servizzi ta' installazzjoni teknika, li jissorveljaw u jikkoordinaw il-forniturі esterni ta' servizzi ta' manutenzjoni, b'mod partikolari barra l-ħinijiet normali tax-xogħol u biex jieħdu sehem fiż-żamma ta' ċerti tipi ta' informazzjoni sensittiva, bħall-pjanijiet tal-Parlament.

L-arranġamenti jikkonsistu minn:

(i) servizzi b'żewġ xiftijiet (rata 1),

(ii) servizzi b'żewġ xiftijiet li jinkludu xift ta' lejl wieħed, tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi (rata 2), u

(iii) servizzi kontinwi ta' 24 siegħa (rata 4).

L-għadd ta' benefiċjarji żdied bi ftit fl-**2023**, għal 723 minn 709 fl-2022, li jirrifletti d-dawran normali tal-impjegati fid-diversi servizzi.

Fl-**2024**, l-għadd ta' benefiċjarji żdied għal 777. F'dik is-sena, il-Parlament Ewropew bena punt ta' aċċess ġdid għall-binja Weiss fi Strasburgu u fetaħ il-binja l-ġdida Veil b'punt ta' aċċess separat. Konsegwentement, l-għadd ta' postijiet ta' sigurtà żdied, u dan wassal għal żieda fl-għadd ta' benefiċjarji.

Il-Kunsill: Il-Kunsill għandu stabbiliti arranġamenti ta' xogħol bix-xift biex jiżgura l-kontinwità tas-servizzi responsabbli għas-sikurezza u għas-sigurtà tal-binjiet u tan-nies. L-għadd ta' benefiċjarji baqa' relattivament stabbli fl-**2023** meta mqabbel mal-2022 (73 meta mqabbel ma' 75). Fl-**2024**, iċ-ċifra naqset għal 68 wara riorganizzazzjoni tat-timijiet ta' ġestjoni tal-aċċess f'dik is-sena.

Il-Kummissjoni: L-utenti ewlenin tas-servizzi tax-xogħol bix-xift fi ħdan il-Kummissjoni kienu d-DĠ HR (dipartiment tas-sikurezza u tas-sigurtà), id-DĠ ECHO (appoġġ għall-koordinazzjoni f'emerġenzi u kriżijiet) u l-JRC (minħabba n-natura tal-attivitajiet tiegħu). L-għadd ta' benefiċjarji kien ta' 97, 26 u 25 rispettivament fl-2023 u 98, 25 u 24 rispettivament fl-2024.

Meta mqabbel mal-2022 (178 benefiċjarju), l-għadd naqas b'sebgħa fl-**2023**, prinċipalment minħabba tnaqqis fid-DĠ HR (-6) wara d-dawran tal-impjegati. Fl-**2024**, l-għadd baqa' relattivament stabbli meta mqabbel mal-2023.

Bħal fl-2022, ix-xogħol bix-xift twettaq ukoll f'żewġ Direttorati Ġenerali oħrajn fl-oqsma li ġejjin fl-2023 u fl-2024:

- sigurtà u prevenzjoni (OIL): tmien benefiċjarji fl-**2023** u sebgħa fl-**2024** (tmienja fl-2022);
- ICT (DĠ COMM): 15-il benefiċjarju kemm fl-**2023** kif ukoll fl-**2024** (12 fl-2022).

Il-Kummissjoni applikat ir-rati 1, 3 u 4. Ir-rata 4 (servizz kontinwu) intużat prinċipalment għas-servizzi tas-sigurtà, għall-JRC, u għas-servizzi ta' koordinazzjoni f'emerġenzi u kriżijiet.

Il-Qorti tal-Awdituri: L-uniku servizz ta' xogħol bix-xift irrapportat mill-Qorti tal-Awdituri fl-2023 kien servizz stabbilit fid-Direttorat tar-Riżorsi Umani, tal-Finanzi u tas-Servizzi Ġenerali, biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-binjiet u tal-okkupanti tagħhom. Dan kien servizz kontinwu ta' 24 siegħa (rata 4) b'19-il benefiċjarju fl-**2023** (meta mqabbel ma' 17 fl-2022). Fl-**2024**, kien hemm 20 benefiċjarju.

Il-KESE u l-KtR: Il-KESE u l-KtR għandhom servizz konġunt ta' xogħol bix-xift stabbilit biex iżomm preżenza kontinwa fis-servizz tas-sigurtà. Kemm fl-**2023** kif ukoll fl-**2024**, il-KESE ħallas allowances lil tliet benefiċjarju (rata 1; l-istess numru bħal fl-2022), filwaqt li l-KtR ħallas allowances lil erba' benefiċjarju (rata 1; l-istess numru bħal fl-2022).

IS-SEAE: Fl-**2023**, is-SEAE ħallas allowances għal xogħol bix-xift lil 35 benefiċjarju (meta mqabbel ma' 37 fl-2022) biex jipprovdu protezzjoni 24 siegħa kuljum għall-persunal tas-SEAE, għall-viżitaturi, għall-bini u għall-assi fiżiċi fi Brussell; biex jimmonitorjaw, jivvalutaw u jindikaw avvenimenti jew sitwazzjonijiet politikament sinifikanti fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum; u biex jittrażmettu informazzjoni klassifikata lill-persunal kollu tas-SEAE, inkluż il-persunal fid-delegazzjonijiet, u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Fl-**2024**, thallsu allowances għal xogħol bix-xift lil 39 benefiċjarju. Iż-żieda kienet prinċipalment dovuta għad-dawran tal-impjegati u għal perjodi ta' assenjament li jikkoinċidu.

Kemm ir-rata 1 kif ukoll ir-rata 4 ġew applikati fis-SEAE.

6. IN-NEFQA BAĠITARJA SKONT L-ISTITUZZJONI U L-ALLOWANCE (F'EUR)

6.1. Nefqa baġitarja fl-2023

Istituzzjoni	Xogħol ta' standby	Kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli	Xogħol bix-xift	Total
Il-Parlament	0	0	7 192 716,20	**7 192 716,20**
Il-Kunsill	455 515,00	0	695 275,00	**1 150 790,00**
Il-Kummissjoni	1 953 469,22	605 493,47	1 961 719,91	**4 520 682,60**
- li minnhom tal-JRC:	*714 505,23*	*564 930,04*	*262 541,78*	***1 541 977,05***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	52 191,00	0	0	**52 191,00**
Il-Qorti tal-Awdituri	33 020,56	0	224 707,15	**257 727,71**
Il-KESE	8 714,01	0	20 344,76	**29 058,77**
IL-KtR	14 322,45	0	23 584,32	**37 906,77**
IS-SEAE	105 154,18	0	242 763,76	**347 917,94**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	**0**
Total	**2 622 386,42**	**605 493,47**	**10 361 111,10**	**13 588 990,99**

L-ammont totali minfuq fuq it-tliet allowances fl-istituzzjonijiet Ewropej kollha fl-2023 kien ta' EUR **13 588 990.99** (meta mqabbel ma' EUR **12 186 871.94** fl-2022).

Iż-żieda fin-nefqa totali meta mqabbla mal-2022 kienet prinċipalment dovuta għal żieda fin-nefqa fuq l-allowances għal xogħol bix-xift, li kienet ta' EUR 9 335 674,26 fl-2022. Ir-raġunijiet għaż-żieda jinkludu l-ħlas mill-Kummissjoni ta' allowances għal xogħol bix-xift għall-2022 fl-2023 u ż-żieda fl-għadd ta' benefiċjarji fil-Parlament Ewropew minn 709 għal 723.

In-nefqa għall-allowances għal xogħol ta' standby żdiedet ukoll bi ftit (EUR 2 394 459,54 fl-2022). Ir-raġunijiet għaż-żieda jinkludu ż-żidiet fl-għadd ta' membri tal-persunal tal-Kummissjoni li wettqu xogħol ta' standby kemm mid-dar kif ukoll mill-post tax-xogħol (minn 7 għal 18) u l-għadd ta' membri tal-persunal li wettqu xogħol ta' standby mill-post tax-xogħol biss (minn 0 għal 2).

In-nefqa tal-Kummissjoni fuq l-allowances għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli żdiedet ukoll (EUR 456 738,14 fl-2022). Ir-raġunijiet għal din iż-żieda jinkludu l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-allowances b'rata fissa fil-JRC u żieda fl-għadd ta' benefiċjarji fl-OIB.

6.2. Nefqa baġitarja fl-2024

Istituzzjoni	Xogħol ta' standby	Kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli	Xogħol bix-xift	Total
Il-Parlament	0	0	7 997 497,56	**7 997 497,56**
Il-Kunsill	562 049,00	0	711 977,00	**1 274 026,00**
Il-Kummissjoni	2 037 016,81	602 440,45	1 985 620,52	**4 625 077,78**
- li minnhom tal-JRC:	*762 234,45*	*549 486,83*	*214 459,25*	***1 526 180,53***
Il-Qorti tal-Ġustizzja	95 362,00	0	0	**95 362,00**
Il-Qorti tal-Awdituri	36 862,87	0	231 729,97	**268 592,84**
Il-KESE	8 512,15	0	18 311,76	**26 823,91**
Il-KtR	16 376,73	0	24 415,68	**40 792,41**
IS-SEAE	119 435,00	0	264 211,87	**383 646,87**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
L-EDPS	0	0	0	**0**
Total	**2 875 614,56**	**602 440,45**	**11 233 764,36**	**14 711 819,37**

L-ammont totali minfuq fuq it-tliet allowances fl-istituzzjonijiet Ewropej kollha fl-**2024** kien ta' EUR **14 711 819.37**.

Iż-żieda fin-nefqa totali meta mqabbla mal-2023 kienet prinċipalment dovuta għal żieda fin-nefqa fuq l-allowances għal xogħol bix-xift. Ir-raġunijiet għaż-żieda jinkludu ż-żieda fl-għadd ta' benefiċjarji fil-Parlament Ewropew (minn 723 għal 777).

In-nefqa fuq l-allowances għal xogħol ta' standby żdiedet ukoll bi ftit. Dan kien attribwibbli għal żieda fl-għadd ta' benefiċjarji fil-Kunsill, il-ħolqien ta' servizzi addizzjonali ta' xogħol ta' standby fil-Kummissjoni, u l-ħlas mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2024 ta' allowances relatati mal-2023.

Barra minn hekk, in-nefqa fuq allowances għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli fil-Kummissjoni naqset kemxejn meta mqabbla mal-2023, u dan jirrifletti l-għadd aktar baxx ta' sigħat irrapportati.